MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 304/2021LM

**Carmel sive Charles Bianco (K.I. nru. 44368(M))**
**f'ismu u għad-ditta C. Bianco Autodealer**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Elaine Therese Rizzo (K.I. nru. 572676(M))**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Elaine Therese Rizzo (K.I. nru. 572676(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-digriet mogħti fit-12 ta' Jannar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-digriet appellat'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li permezz tiegħu

ddeċiediet ir-rikors tar-rikorrent **Carmel sive Charles Bianco (K.I. nru. 44368(M)) f'ismu u għad-ditta C. Bianco Autodealer** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] billi ddikjarat li:

> *"...hija tal-fehma illi għandha tawtorizza lir-rikorrent eżekutant jenforza t-titolu eżekuttiv li huwa kiseb fit-18 ta' Ottubru 2002 fil-konfront tal-intimata debitur permezz tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet "Carmel sive Charles Bianco f'ismu u għad-ditta C.Bianco Autodealer v.Elaine Therese Rizzo" u għaldaqstant, qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent sabiex a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jeżegwixxi dan it-titolu eżekuttiv fil-konfront tal-intimata Elaine Therese Rizzo.*
>
> *L-ispejjeż ta' dan il-proċediment jibqħu bla taxxa".*

## Fatti

2. Il-każ odjern jirrigwarda titolu eżekuttiv li l-appellat kien kiseb kontra l-appellanta fid-9 ta' Ġunju, 2003, għall-ħlas tas-somma ta' Lm887.49, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skont il-liġi.

## Mertu

3. L-appellat istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fid-9 ta' Novembru, 2021 fejn talab lil dik il-Qorti sabiex *"...jogħġobha bl-applikazzjoni tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tawtorizzah jesegwixxi t-titolu eżekutiv li huwa għandu fil-konfront tal-intimata, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni".*

4. L-appellanta wieġbet fis-6 ta' Jannar, 2022 fejn eċċepiet li l-kambjali esebiti mill-appellat kienu kollha mħallsin, u li saħansitra ħallset iktar minn dak li kien dovut minnha. Għalhekk it-talba tiegħu kellha tiġi respinta bl-ispejjeż.

## Id-Digriet Appellat

5. L-Ewwel Qorti waslet għad-digriet appellat wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ikkunsidrat*
>
> *Illi r-rikorrent jibbaża t-talba tiegħu fir-Rikors promotur fuq l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li fil-parti rilevanti għal dan il-proċediment jaqra hekk:-*
>
> > "Wara:
> >
> > ...
> >
> > (b) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta' ġie esegwit,
> >
> > ...
> >
> > l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."
>
> *Illi mill-atti jirriżulta illi fil-każ in diżamina, l-eżekutant ottjena titolu eżekuttiv kontra d-debitur Elaine Therese Rizzo fid-9 ta' Ġunju 2003 għall-ħlas tas-somma ta' Lm887.49, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skont il-liġi u dan wara illi l-konvenuta, illum intimata, baqgħet ma kontestatx it-talba quddiem it-Tribunal.*
>
> *Illi l-Artikolu 258 tal-Kap. 12 huwa espressament maħsub biex jirregola l-proċedura għall-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Huwa paċifiku li l-indaġni tal-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta hija waħda limitata u ċirkoskritta mid-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 258, fuq ċitat, b'dan illi effettivament, l-uniku eżami li għandha tagħmel għall-fini tal-akkoljiment*

*jew ċaħda tar-rikors ippreżentat a tenur tal-Artikolu 258 huwa li jiġi aċċertat l-eżistenza tat-titolu eżekuttiv li seta' ġie eżegwit, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu huwa dovut. U dan permezz tal-konferma bil-ġurament tar-rikorrent kreditur. Il-liġi la tesiġi n-notifika lid-debitur u lanqas l-appuntament għas-smigħ tar-rikors – diversament mill-procedura skont l-Artikolu 259(4) tal-istess Kap. 12 – u dan proprju għaliex f'dan ix-xorta ta' proċediment ir-rikorrent kreditur ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu, iżda biss awtorizzazzjoni biex jenforza titolu eżekuttiv ġjà eżistenti.*

*Applikati dawn il-kriterji u prinċipji għall-każ li għandha quddiemha, il-Qorti minn eżami tal-atti hi sodisfatta li r-rikorrent eżekutanti kiseb titolu eżekuttiv konsistenti f'sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar li ma ġietx appellata (fn. 2 Vide Dok. D anness mar-Rikors) u li għaddew iktar minn għaxar snin minn meta din is-senenza setgħet tiġi eżegwita.*

*Hi sodisfatta wkoll li r-rekwiziti l-oħrajn tal-Artikolu 258 ġew osservati għaliex effettivament, ix-xorta tad-dejn ġie konfermat bil-ġurament mill-kreditur Carmelo sive Charles Bianco u mfisser fir-Rikors bħala konsistenti fis-somma li tirrappreżenta (i) l-import ta' dsatax-il kambjala lkoll maturati, liema import ġie kanonizzat permezz tal-imsemmija sentenza tad-9 ta' Ġunju 2003, (ii) l-ispejjeż ġudizzjarji aġġudikati favur ir-rikorrent u kwantifikati fiż-żewġ taxxi uffiċjali annessi mar-Rikors (Dok. B u Dok. C) u (iii) billi d-debitu huwa wieħed prettament kummerċjali, l-imgħaxijiet kummerċjali bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data li mmaturat kull kambjala, liema imgħaxijiet ġew debitament u akkuratament kwantifikati fir-Rikors.*

*Barra minn hekk, ġie konfermat ukoll bil-ġurament tal-istess kreditur eżekutant illi d-debitur ma ħallset xejn mill-ammont dovut, liema ammont ġie kwantifikat fir-Rikors fis-somma komplessiva ta' €5,772.14.*

*Illi għal kull buon fini, anke jekk kellu jittieħed qies tar-raġuni ventilata mill-intimata in sostenn tal-oppożizzjoni tagħha għat-talba, din ma tnaqqas assolutament xejn mill-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti. Dan qed jingħad għaliex għalkemm hu minnu li l-intimata ssostni li r-rikorrenti irċieva l-ħlas tal-kambjali permezz ta' self li ħadet mill-Bank, ma ntweriex kif dawn il-pagamenti effettivament waslu għand ir-rikorrent li ma jiffigura imkien fid-dokumenti sottomessi. Fuq kollox iżda, u kif diġà ngħad, mhux kompitu tal-Qorti f'dan il-proċediment li terġa' tindaga fil-fondatezza o meno tal-pretensjoni mertu tal-proċess li wasal għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu għaliex kif rajna, ir-rikorrent diġà għandu titolu eżekuttiv li nkiseb, f'dan il-każ, permezz ta' sentenza li ngħatat proprju fil-komtumaċja tad-debitur. Il-Qorti tqis illi jekk id-debitur kienet diġà ħallset l-import tal-kambjali mertu tal-proċeduri quddiem it-Tribunal li*

*ġew deċiżi bis-sentenza li tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni, din l-eċċezzjoni messha ġiet imressqa f'dawk il-proċeduri u mhux illum meta r-rikorrent għandu f'idejh titolu eżekuttiv.* Multo magis *meta mid-dokumenti prodotti mill-intimata nnifisha mar-Risposta, jirriżulta li l-import tal-kambjali in kwistjoni, jekk verament ġie mħallas, ġie mħallas sewwasew qabel ġew istitwiti l-proċeduri għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu relattiv quddiem it-Tribunal.*

*Għaldaqstant, billi l-oppożizzjoni ma saritx entro t-termini ordnati fid-digriet tal-10 ta' Novembru 2021 u billi mhux apert lill-intimata li f'dan il-proċediment għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv, tqajjem oppożizzjoni li eventement hija fondata purament fuq fatti allegati li kienu ġià eżistenti u magħrufin lilha anteċedentement għall-ksib tat-titolu eżekuttiv, il-Qorti għandha, għar-raġunijiet diġà kkunsidrati iktar qabel, tilqa' t-talba tar-rikorrenti."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellanta ppreżentat rikors tal-appell quddiem din il-Qorti fid-19 ta' April, 2022, fejn qegħda titlob għar-revoka tad-digriet appellat, billi jiġi miċħuda t-talbiet kollha tal-appellat, u jintbagħtu lura l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex din tieħu konjizzjoni tar-risposta tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. L-aggravju tagħha jirrigwarda iż-żmien mogħti lilha mill-Ewwel Qorti sabiex twieġeb għar-rikors tal-appellat.

7. L-appellat għażel li ma jweġibx.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti. Wara li l-appellanta tiċċita dak li qalet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2002 fl-ismijiet **Polly Sant *vs.* Direttur Sigurtà Soċjali** dwar it-termini

perentorji stabbiliti mil-liġi kif kuntrastati mat-termini ġudizzjali, tissottometti li t-terminu ġudizzjali ta' tliet ijiem mogħti lilha mill-Ewwel Qorti permezz tad-digriet tagħha tal-10 ta' Novembru, 2021 li beda jiddekorri fl-24 ta' Diċembru, 2021 għall-preżentata tat-tweġiba tagħha, kellu jiġi prorogat u estiż sabiex hija ma tiġix imċaħħda mid-difiża tagħha. Tispjega li r-rikors tal-appellat kien ġie notifikat lilha fl-24 ta' Diċembru, 2021, jiġifieri lejliet il-Milied, li kien jaħbat il-Ġimgħa, u għalhekk kien impossibbli għaliha fi żmien tliet ijiem sat-Tnejn 27 ta' Diċembru, 2021, li hija tkellem avukat u jkollha f'idha wkoll id-dokumenti bankarji esebiti mar-risposta tagħha, u li jġibu fix-xejn it-talba għal ħlas magħmula fil-konfront tagħha. Tikkontendi li t-terminu in kwistjoni ma kienx wieħed stabbilit mill-Kap. 12 jew f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-proċeduri quddiem il-Qrati u t-Tribunali u li huma ta' ordni pubbliku b'mod li ma jistgħux jiġu njorati, rinunzjati jew mibdula anki bil-kunsens tal-partijiet. Tgħid li dawn it-termini għandhom jiġu osservati altrimenti kien hemm il-piena tal-irritwalità u nullità tal-proċeduri. L-appellanta tagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Marzu, 1987 fl-ismijiet **Rita Portelli *vs.* Onorevoli Prim Ministru et**, u tiċċita silta minnha, filwaqt li tikkontendi li fid-dawl ta' dak li ntqal minn dik il-Qorti, it-terminu mpost mill-Ewwel Qorti mhuwiex wieħed perentorju u ma setax iwassal sabiex hija titlef id-dritt tagħha li tippreżenta risposta fin-nuqqas li tosservah. Issostni li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet kisret id-drittijiet fundamentali tagħha ta' smigħ xieraq meta ma ħaditx konjizzjoni tar-risposta tagħha.

9. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanta, għaliex kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, il-liġi ma titlobx in-notifika tad-debitur, u lanqas li r-rikors tal-kreditur għandu jiġi appuntat għas-smigħ. Il-Qorti tgħid li huma pjuttost skarsi r-rekwiżiti

mitluba mingħand il-kreditur sabiex jintlaqa' mill-ewwel ir-rikors tiegħu għall-eżekuzzjoni tas-sentenza li huwa jkun ottjena fil-konfront tad-debitur tiegħu. Fil-fatt huwa biżżejjed li l-kreditur jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba tiegħu, u anki li dak id-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut. Jekk dawn iż-żewġ rekwiżiti jkunu sodisfatti, il-Qorti tista' tgħaddi sabiex tilqa' it-talba tiegħu mingħajr dewmien, u mingħajr investigazzjoni ulterjuri tat-talba tiegħu, saħansitra mingħajr il-bżonn tan-notifika tad-debitur, u fil-każ li jkun hemm in-notifika tiegħu fin-nuqqas ukoll li dan ikun ikkontesta *o meno* it-talba tal-kreditur. Kif sewwa tirrileva l-Ewwel Qorti, ir-raġuni hija li f'dawn it-tip ta' proċeduri l-kreditur ikun qed ifittex biss l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jinforza titolu eżekuttiv li huwa jkun ottjena, u mhux il-kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu.

Għaldaqstant l-aggravju tal-appellanta mhux mistħoqq, u l-Qorti tiċħdu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-digriet appellat fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ikunu wkoll a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**